**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 68** **22 ta' Settembru, 2023**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it- 22 ta' Settembru fil-4:30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Steven Grech – Sindku
Elenia Desira - Viċi Sindku
Stephen Caruana _ Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Dr Mary Muscat _ Kunsillier

**ASSENTI B'APPOLOĠIJA:**

Nil

**ASSENTI:**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **68.1** | **Qari ta’ ittri ta’ apoloġija** |
| 68.1.1 | Għal-laqgħa datata għat-22 ta’ Settembru ma’ kien hemm ħadd assenti.<br>Il-laqgħa bdiet fl-16:35, il-Kunsillier Daniel Zerafa wasal fi 16:50.<br>Il-Viċi Sindku Desira kellha tiġi skużata fil-17:59 |
| | |
| **68.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| 68.2.1 | Il-minuti ta’ seduti numru 65, 66 u 67 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. |
| 68.2.2 | Il-Kunsillier Stephen Caruana ippropona u il-Kunsilliera Dr. Mary Muscat issekondat il-minuti tal-laqgħat numru 65, 66 u 67. Il-minuti ġew approvati fost dawk kollha preżenti. |
| | |
| **68.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 68.3.1 | Is-sindku beda’ bi Triq Beatu Bartolo Longo minħabba il-fatt li kien hemm ir-residenti diġà preżenti.<br>Is-sindku jiftaħ id-diskussjoni għar-residenti, vis-a-vis it-triq u r-roundabout indikata fuq il-pjanta. Kien hemm numru ta’ lmenti mir-residenti li urew ix-xewqa li r-roundabout tkun izgħar minn dik indikata fuq il-pjanta.<br>Għaldaqstant ġie maqbul li Sindku Steven Grech jitkellem mal-perit, sabiex tittieħed deċiżjoni in kwantu l-parkeġġ li r-residenti qegħdin jitolbu u jsir parkeġġ immejjel (fishbone parking) kif propost mir-residenti. |
| 68.3.2 | Is-sindku jgħarraf lill-kunsilliera illi fl-1 ta’ Settembru kien hemm il-laqgħa rigward il-‘fish fest’. Kienet diskussa kif ser tiġi organizzata u dak li hu rikjest li jsir mill-kunsill |
| 68.3.3 | Jgħarraf ukoll illi fil-5 ta’ Settembru kien hemm laqgħa id-dipartiment ta’ Transport Malta rigward ħmieġ li qed jitħalla mis-sajjieda in-naħa tal-magħluq u n-naħa ta’ fejn hemm il-‘Hard Standing’ fejn il-kunsill għamel post apposta biex is-sajjieda jkunu jistgħu jarmu iż-żejt fihom.<br><br>Transport Malta kienet infurmata illi l-kunsill qiegħed jikkoopera, però qed ikunu rikjesti numru ta’ affarijiet u l-ispejjeż involuti biex dawn jintremew skond kif rikjest mil-ERA qiegħdin jaqgħu fuq il-kunsill. Il-kunsill informa li- Transport Malta kif ukoll lil ERA li dan ma jistax ikun piż fuq il-kunsill għad-detriment ta’ ħaddieħor, għal daqstant il-kunsill se jkollu iħalli l-affarijiet kif inhuma hekk ma jsibx għajnuna mill-ministeri ikkonċernati. |
| 68.3.4 | Is-sindku jkompli billi jgħid illi fis-6 ta’ Settembru, kellu laqgħa mal-Ministru. Dr. Stefan Zrinzo fejn tressqu l-ilmenti rigward Triq San Franġisk (minħabba l-kanal (culvert)) li jidher li |

| | |
|---|---|
| | m'hemmx fondi allokati għalih, però il-ministru kompla billi qal illi ser jara x'jista' jagħmel. Sa issa għadna ma' kellniex risposta. |
| 68.3.5 | Saret laqgħa ma' l-ERA fis-7 ta' Settembru. Is-suġġett kien ġebel li ser jitpoġġa fejn in-*Nature 2000* biex inkun jista jinġabar ir-ramel hemm ser jitwessa fejn kien ittiekel. Ser tiġi mirduma u terġa taqa fil-pussess tal-ERA. Il-kunsillier Daniel Zerafa isaqsi fuq xi kritika saret u s-Sindku irrisponda u għamel referenza għat-triq li r-residenti ilmentaw fuqha. |
| | Il-kunsilliera ġew mitluba jieħdu votazzjoni jekk jaqblux illi tittieħed azzjoni kif spjegata fil-paragrafu surreferit u skond il-pjanti li ġew preżentati. |

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Dr. Mary Muscat | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

| | |
|---|---|
| 68.3.6 | Is-Sindku jinforma lill kunsilliera, illi fit-13 ta' Settembru kellu jattendi għal-laqgħa il-Ministeru ta' Transport Malta iżda ġiet ikkanċellata minn naħa tagħhom. |
| 68.3.7 | Is-Sindku għamel referenza ukoll għal-Triq Barthelemy, rigward l-ilment fuq applikazzjoni li għaliha qiegħda tiġi proposta il-wesgħa ta' triq. Is-sindku talab lill-perit jibgħat ittra ta' oġġezzjoni fejn ikun mitlub li jimxu ma' ewwel pjanta proposta u mhux dik ta' issa. |
| 68.3.8 | Is-sindku jgħid li waslu l-pjanti tal-proposti fuq Triq Għaxtart u Triq Melqart. Fuq triq Melqart isiru sleeping police u oħra fuq Triq Għaxtart. Fuq triq Melqart fil-parti fejn jidħlu għal-Mużew. Jidher li hemm xi problema fuq sleeping police għax qed iżżomm l-ilma f'nofs it-triq. Issuġġerita li jsiru katusi taħt is-sleeping police biex ma jżommux ilma. Talba biex titranġa Triq Bir rikka ma' Triq Melqart għax qiegħdha iżomm l-ilma għan-nofs it-triq. |
| 68.3.9 | Diskussi it-tabelli tal-ħwienet u tal-boat trips – kien diġa diskuss li jkun hemm tabelli bil-permess tal-kunsill u jkunu bil-qies kif ukoll kollha jkollhom tabella waħda biss inkluż ir-restoranti. Fejn hemm il-palm ta' max-xatt se jiġu midjurin u jsiru bħal 'fence' ta' l-injam mad-dawra tagħhom ħalli ħadd ma jorbot xejn mal-Palm u anqas isir konkos u madum ma' dawra tagħhom. |
| 68.3.10 | Is-Sindku semma li l-Skips tar-restoranti għandhom jiġu kollha uniformi u jkunu maqsuma f'żewġ bins min ġewwa biex ikunu jistgħu jirriċiklaw, dawn iridu jitħallsu mis-sidien tar-restoranti u jieħu ħsiebhom il-kunsill. Ikollhom ukoll iħallsu għall-permess ta' l-skip kull xahar. L-'skips' ikunu in-naħa tal-palma fuq ġewwa, fl-area ta' fejn hemm l-imwejjed u siġġijiet tagħhom. Hekk ma jħallsux il-permess iridu jżommu l-'skip' ġewwa. |
| 68.3.11 | 'Bins'għandhom isiru in-naħa tal-baħar fejn il-bankijiet, wieħed kull tlett jew erbgħa bankijiet u bin ma kull 'bus stop' |

<table>
<tr><td>68.3.12</td><td>Mitlub tittieħed votazzjoni fuq twaħħil ta’ ‘bins’ u tabelli bil-qisien kemm tal-‘boat trips’ u anke tar-ristoranti. Tal-‘boat trips’ ikollhom tabella waħda u tar- ristoranti ikollhom tnejn (waħda naħa tar-ristorant u waħda man-naħa tax-xatt) Ħlas isir mis-sidien, inkella ma jingħatawx il-permess mill-kunsill.<br><br>Isiru lanzaruni mal-bollards ta’ fejn hemm is-sajjieda.
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Dr. Mary Muscat</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td>68.3.13</td><td>Diskuss li jum Marsaxlokk ħa jsir fuq jumejn il-Ġimgħa u l-Ħadd, fejn il-Ħadd ikun magħluq ix-Xatt. Il-Ġimgħa jingħataw ir-rikonoxximenti u il-Ħadd tiġi ċelebrata jum Marsaxlokk permezz ta’ quddies u banda max-Xatt.</td></tr>
<tr><td>68.3.14</td><td>Il-latrina tal-magħluq waslet fl-istadju finali tagħha u hemm kollox lest minbarra bieb u din qegħdin nitolbu li ngħaddu l-fondi li jingħataw mill-gvern għal manutenzjoni tal-kunsill lill-Cleansing u Maintenace Division u tiġi amministrata minnhom.</td></tr>
<tr><td>68.3.15</td><td>Is-Sindku semma’ li Ġnien il-familja, inġabu nies tar-reġjun biex jiġi mantenut u ameljorat. Qbil li titneħħa l-funtana u tinkesa l-art bil-konkos. Fl-istess ġnien kien maqbul illi għandhom isiru gates. Dr.Muscat tipproponi li l-ġnien ikun attrezzat għal persuni b’diżabilità bħal bandli fejn jista’ jidħol ‘wheelchair’. Qbil unanimu bejn il-kunsilliera li għandha titneħħa l-funtana u li jkun hemm bandli attrezzati għal tfal b’ abbiltajiet differenti u jsir ukoll ‘Outdoor Gym’
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td><td>Assenti</td></tr>
<tr><td>Dr. Mary Muscat</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>68.4</td><td>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera</td></tr>
<tr><td>68.4.1</td><td>Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-kunsilliera.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>68.5</td><td>Proposta tal-Pjanta ta’ Triq Beatu Bartolo Longo</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 68.5.1 | Dan il-punt ġie eżawrit f'punt 68.3.1 |
| | |
| **68.6** | **Ittra ta' oġġezzjoni għal proposta tal-pjanta – Triq Barthelemy** |
| | Dan il-punt ġie eżawrit f'punt 68.3.7 |
| | |
| **68.7** | **Monti ta' fost il-Ġimgħa** |
| | Monti fost il-ġimgħa<br>Tressaq il-punt rigward il-pjanta bi ħmistax il-pied kull kaxxa. Diskuss id-disinn tal-passaġġ hekk kif inhu propost fil-pjanta.<br><br>Votazzjoni fuq il-passaġġ kif propost fil-pjanta. (Kif inhu preżentement min ħdejn it-Tinda sa' l-Għajn tal-Ħasselin,<br>Il-Kunsill Zerafa iddikjara konflitt ta' interess. |

| **Isem** | **Iva** | **Le** | **Astensjoni** |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Dr. Mary Muscat | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | NIL | NIL | NIL |

| | |
|---|---|
| | |
| **68.8** | **Planning Authority** |
| | PA No: 04951/23 – Ma kien hemm l-ebda kunsillier/a li oġġezzjona. |

**Application Details**

| | |
|---|---|
| **Case Number:** | PA/04951/23 |
| **Location of development:** | 11, Pjazza l-Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk |
| **Description of works:** | Proposed change of use from existing dwelling to a guest house Class 3A c<br>also including part demolition of existing building, internal alteration and |
| **Current Applicant:** | Rudolph Spiteri Sacco |

| | | |
|---|---|---|
| | **Current Architect:** | Perit Chris Cachia |
| | **Reception date:** | 28 October 2022 |
| | **Initial Processing** | |
| | **Validation Date:** | 23 August 2023 |
| | **Target Date:** | 01 December 2023 |
| | **Application Type:** | Full development permission |
| | **Case Category:** | Within Development Zone |
| | | |
| | | |
| **68.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** | |
| 68.9.1 | Il-Kunsillier Caruana ippropona u issekondat il-Kunsilliera Dr. Muscat. B'hekk ġiet approvata b'mod unanimu l-iskeda tal-pagamenti bejn dawk preżenti. | |
| | | |
| **68.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** | |
| 68.10.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill No 68 ġiet fi tmiem wara li kienet eżawrita l-Aġenda kollha. Ġiet deċiża id-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar l-Erbgħa 25 ta'Ottubru fl-16:30 | |

Konfermati, illum 25 ta' Ottubru, 2023.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

__________________________ ___________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*